Siġġiewi

Città Ferdinand

# HIDMA TAL-KUNSILL MATUL L-2011

## Laqgħa tal-Lokalità

## It-Tnejn 19 ta' Diċembru, 2011

Se nagħtu ħarsa lejn il-ħidma li twettqet mill-Kunsill matul din is-sena kif ukoll lejn xi proġetti li l-Kunsill lesta jew qed ilesti.

Minn Jannar sa Novembru, Il-Kunsill iltaqa' 11-il darba u b'hekk matul din is-sena se jkun iltaqa' 12-il darba, medja ta' laqgħa kull xahar. Il-Kunsilliera attendew il-laqgħat kollha, għajr għal Kunsillier Dr Mark Vassallo li kien skużat għal-laqgħa waħda.

Minbarra l-laqgħat tal-Kunsill, saru diversi laqgħat minn organi oħra tal-Kunsill fosthom tal-Kumitat dwar il-Kunsill Ċiviku, is-sotto-kumitat dwar il-wirja agrarja, tal-familja u dak dwar il-monument f'ġieħ is-sur Pawlu Aquilina.

## XOGHOL STRUTTURALI U TISBIH TAL-LOKALITÀ

Wara li fl-aħħar sentejn sar ir-*resurfacing* ta' Triq Ta' Kandja, it-tlestija bit-*tarmac* ta' Triq Bur il-Kbir u r-*resurfacing* ta' Triq Mons Mikiel Azzopardi kif ukoll ingħata bit-*tarmac* dak li kien jonqos fit-Triq tar-Rabat, magħrufa aħjar bħala tas-Saqqajja, issa għandna l-arterji prinċipali kollha lesti. B'hekk il-Kunsill matul din is-sena beda jikkonċentra mill-ġdid ir-*resurfacing* fiz-zona urbana.

Matul l-aħħar ġimgħat beda x-xogħol ta' bdil tas-servizz tal-ilma kif ukoll wiċċ ġdid bit-tarmac ta' dawn it-toroq u sqaqien:

- Triq Nikola Saura
- Triq Lorenzo Gafà
- Triq San Ġakbu, Sqaq Nru. 3
- Triq San Ġwann, Sqaq Nru. 1
- Triq San Ġwann, Sqaq Nru. 2
- Triq il-Mitħna, Sqaq Nru. 1
- Triq il-Mitħna, Sqaq Nru. 2

Din il-ħidma qed issir permezz tal-iskema imnedija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali msejħa *Private Partnership Scheme.*

Matul din is-sena wkoll sar diversi xogħol ta' patching bil-*hot asphalt* f'diversi toroq fosthom Triq il-Knisja l-Qadima, Triq il-Parroċċa, Triq il-Mitħna, Triq Blat-il Qamar, Triq it-Tabib Nikola Zammit u Triq Dun Manwel Zammit, prinċipalment biex jissewwew partijiet minnhom wara tiswijiet li jkunu saru mill-*Water Services Corporation*.

Dan ix-xogħol mistenni li jitkompla fil-ġimgħat li ġejjin.

**Patching fil-kampanja**

Matul din is-sena kellna niffaċċjaw diversi problemi marbutin mal-providement tal-ħaddiema tat-Taqsima tas-servizzi pubbliċi, issa dan ix-xogħol reġa' qabad ir-ritmu. Wieħed jifhem li minħabba l-area kbira li l-Kunsill irid isegwi, din tiġi tiswa mal-€45,000.

**Barra minn dawn saru wkoll dawn ix-xogħlijiet:-**

- Bdil sostanzjali ta' mirja u tabelli fiz-zoni urbani u rurali;
- Tkompla l-proġett ta' bdil tal-fanali eżistenti għal *decorative lamps* fit-toroq tal-qalba tar-raħal bil-għajnuna wkoll tal-*Urban Investment Fund* – tant li sa issa twaħħlu 85 fanal. B'hekk Issa l-qalba antika tas-Siġġiewi tlestliet kollha.
- Aktar *Dust bins* kif ukoll bdil ta' siġar li kienu tkissru fi Triq Mons M Azzopardi.

## TINDIF U KURA AMBJENTALI

- Ġbir regolari tal-iskart domestiku u skart goff: Matul din is-sena bqajna ninnutaw żjieda sostanzjali tal-ammont tal-iskart separat għar-riċiklar, u b'hekk qed ngħinu biex jonqos l-iskart imħallat.  Rigward il-*Bring-in Sites* il-Kunsill għandu kuntratt mal-kumpanija GreenMT biex dawn jitnaddfu regolarment. Minkejja li jidher li l-abbuż mill-*Bring-in Sites* nanas, aorta wade gland niffaċċjaw problema minn użu ħażin minnhom.

  **Il-Kunsill joffri ragolarment dawn is-servizzi:**

- Tinder u knis tat-toroq;
- Tindif u qtugħ tal-ħaxix fit-toroq rurali;
- Manutenzjoni regolari u żamma tal-ġonna;
- Manutenzjoni tal-latrini pubbliċi.
- Tindif *extra* ta' Għar Lapsi fix-xhur tas-sajf;

## ĊENTRU ĊIVIKU

F'Awwissu tas-sena l-oħra l-Kunsill għadda riżoluzzjoni mressqa mill-Viċi-Sindku l-Avukat Karol Aquilina biex jitlob lill-Gvern Ċentrali sabiex fl-iqsar żmien possibli l-propjetà nru 18 fi Pjazza San Nikola tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali Siġġiewi bl-iskop li fost oħrajn l-istess propjetà tibda sservi bħala l-uffiċji amministrattivi tal-Kunsill Lokali u bħala *Day Care Centre* għall-anzjani.

Is-sena l-oħra l-Gvern Ċentrali kien iddeċieda li jilqa' t-talba tal-Kunsill, matul l-aħħar sentejn seħħew, fost oħrajn dawn l-iżviluppi:

- Ħarġet is-sejħa u ingħata t-*tender* għal Perit għall-iżvilupp tal-proġett;
- Il-Kunsill beda jopera mill-post il-ġdid iġifieri min-numru 18, Pjazza San Nikola;
- Saret talba għal devoluzzjoni tal-Berġa, Siġurtà Soċjali u parti mill-Għassa tal-Puizija;
- Saret l-applikazzjoni mal-MEPA għar-restawr tal-faċċata;
- Saret applikazzjoni mal-MEPA għall-bidliet neċessarji.

Wara li dawn l-applikazzjonijiet ġew aċċettati, matul din is-sena bdew ix-xogħlijiet kollha neċessarji li issa jinsabu fi stadju avvanzat.

Bil-għajnuna tal-Ministeru tar-Riżorsi ix-xogħol tar-restawr tal-faċċata qed isir mill-ħaddiema tal-istess ministeru, kif sar ukoll it-twaqqigħ ta' diversi kmamar li kien hemm fil-bitħa. Barra minn dan il-Ministeru offra l-ħaddiema tiegħu biex jirrestawraw u/jew jiżbgħu l-aperturi kollha, kif ukoll il-bini tal-gallerija kif kienet fl-istadju oriġinalui tagħha. Kif wieħed jista' jifhem, dan kollu kien ta' għajnuna kbira li tlaħħaq eluf kbar ta' ewro.

Matul din is-sena ħarġet is-sejħa tal-offerti għall-istallazzjoni tal-lift. Din ġiet aġġudikata, u diġa' tlesta l-bini tas-shaft. L-ispiża tal-lift mistennija tlaħħaq mat-€30,000.

Sal-lum ukoll, il-parti ta' fuq ġiet kompletament restawrata, u x-xogħol fil-parti ta' isfel, iġifieri fejn ġej id-Day Care Centre, il-Berġa, u l-Uffiċċju tas-Servizzi Soċjali, miexi b'ritmu avvanzat.

Dan il-proġett mistenni li jiġi jiswa mal-€500,000. Minkejja li din tidher somma esorbitanti, u meta tnaqqas madwar €120,000 li l-Kunsill irċieva mingħand il-Gvern Ċentrali, il-bilanċ mistenni jitħallas f'perjodu ta' tliet snin.

Aktar dettalji se jingħataw fi preżentazzjoni separata.

## FOOTBALL GROUND

Wara li s-sena l-oħra intlaħaq ftehim mas-Siġġiewi Football Ground: Il-Kunsill qed joħroġ €8,000 fis-sena għal sitt snin u jkollu d-dritt li matul il-ġimgħa juża terz tal-ground.

## ATTIVITAJIET KULTURALI, EDUKATTIVI U SOĊJALI

- Twaqqf sotto-kumitat biex iħejji għal monument f'ġieh Pawlu Aquilina: ġie identifikat il-post fejn se jsir dan il-monument i.e. fi Triq il-Fawwara, intgħażel id-disinn u saru l-applikazzjonijet neċessarji.

- Wirja Agrarja f'Ġunju mifruxa fuq jumejn li ġiet inawgurata mill-Onor. Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi. Għal darb'oħra, il-parteċipazzjoni kemm tal-esibituri kif ukoll tan-nies kienet waħda tajba ħafna.
- Mixegħla tas-Salib tal-Għolja li bħas-snin l-imgħoddija għaliha attendew eluf ta' persuni. Din setgħet issir bil-kollaborazzjoni tal-Każin Banda San Nikola, u membri ta' diversi għaqdiet fosthom il-Grupp tal-Armar li ħa ħsieb iżejjen il-Pjazza tar-Raħal bil-fjakkli tradizzjonali;
- Diversi attivitajiet kulturali bħal fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara; fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm; eċċ.,
- Kors ta' arts & Crafts għat-tfal matul is-sajf;
- Diversi korsijiet għall-adulti fil-programm *Life long Learning* Ingliż, Malti, Franċiż, Taljan, Matematika;
- Festival of Fire & Lights: Il-Kunsill Lokali flimmien mas-sur Nicholas Spiteri organizza festival ta' nar sinkronizzat u dawl artifiċjali fi pjazza San Nikola lejlet il-Festa ta' San Nikola.
- Kunsill Lokali Żgħażagħ: dan beda jiltaqa' regolarmnet u qed jaħdem biex iressaq diversi proġetti u attivitajiet fix-xhur li ġejjin.
- Armar bid-dawl ta' Triq Mons M Azzopardi fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Nikola u armar bid-dawl tal-pjazza u Triq il-Parroċċa u Triq San Nikola fi żmien il-Milied.
- Il-Kunsill reġa' kien strumentali biex aktar minn 450 persuna tirċievi t-tilqima tal-influwenza. Dan sar fl-uffiċċju temporanju tal-Kunsill.

## SHELTERS

Il-Kunsill iddeċieda li jiftaħ għall-pubbliku s-shelters tal-gwerra li jinsabu fil-Pjazza. Wara snin twal magħluqin dawn tnaddfu mill-ħama u ħmieġ ieħor u fil-ġimgħat li ġejjin se jsiru l-pjanti tagħhom kif ukoll se jinħadmu l-bibien tagħhom. Hu ttamat li matul is-sena d-dieħla dawn ikunu lesti biex b'hekk il-pubbliku jkun jista' jgawdi dan il-patrimonju storiku.

## ARRIVA

Il-Kunsill segwa dak li kien qed jiġri fir-riforma tat-trasport pubbliku u organizza laqgħa pubblika biex ir-residenti setgħu iwasslu l-ilmenti tagħhom. Dawn l-ilmenti ġew mgħoddija kemm lil Transport Malta kif ukoll lill-Arriva.
Dwar il-viċinanzi ta' Binja Ħesri, il-Kunsill ressaq proposta biex ir-rotta tal-linja minn Triq il-Mitħna tinżel għal Triq Ħesri, fejn hemm isir *bus stop*, tmur għal Triq Dun Manwel Zammit, u titla' minn Triq l-Imdina għal Triq it-Tabib Nikola Zammit.

## TITJIB FIL-PLAYING FIELDS

Il-Kunsill applika għal fondi mal-Gvern Ċentrali biex itejjeb il-*playing fields* eżistenti ta' Triq Pietru Felici u b'mod partikolari l-*playing field* ta' Lapsi Park. Din tal-aħħar tintħtieġ miljorament biex tagħmilha aktar sigura kif ukoll b'aktar amnetajiet varji.

## LAW ENFORCEMENT SYSTEM

Wara li f'Settembru bdiet titħaddem is-sistema tal-*Law Enforcement System* fuq bażi reġjonali Issa l-Kunsill qabel b'mod unanimu li jeżiġi mal-Kumitat Reġjonali li kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed f'dan il-Kumitat kif titħaddem is-sistema fis-Siġġiewi, għandha tirrispetta dejjem b'mod sħiħ il-pożizzjoni tal-Kunsill tas-Siġġiewi u mhux tkun iddettata minnu mir-Reġjun. Qed jinsisti wkoll li m'għandux ikun hemm is-servizz tal-gwardjani lokali fiz-zona residenzjali, u li dan is-servizz għandu jingħata fiz-zona periferjali. Din il-pożizzjoni se titwassal lir-Reġjun fl-ewwel opportunità possibli.

## FINANZI

Matul din is-sena l-Kunsill mistenni li jdaħħal €850,000, bejn l-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali u dħul żgħir ieħor. Minkejja l-ispiża kbira li daħal għaliha rigward ir-rinovament taċ-Ċentru Ċiviku, xorta waħda  mhux mistenni li joħroġ b'defiċit.



N I k o l B a l d a c c h I n o

SEGRETARJU EŻEKUTTIV